MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 1136/2011

Fl-atti tal-Mandat ta’ Arrest ta’ Bċejjeċ tal-Baħar ’il fuq minn Għaxar Metri Numru 803/11, fl-ismijiet:

Avukat Louis **CASSAR PULLICINO** bħala mandatarju għan-nom ta’ The Foreign Economic & Technical Co-Operation Company of China, Changjiang National Shipping Group u Qingshan Shipyard of China Changjiang National Shipping Group

vs

**IL-BASTIMENT *M.V. Beluga Sydney***

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-18 ta’ Novembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-avukat Larry J. Gauċi, fil-kwalita’ tiegħu ta’ mandatarju speċjali ta’ Detlef-Helmut Sturmann, bħala stralċjarju (*insolvency administrator*) u in rappreżentanza ta’ *Beluga Shipping “QS321” GmbH & Co. KG* (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) talab li din il-Qorti jew li (a) tħassar il-Mandat kawtelatorju msemmi billi tibdel *contrario imperio* d-degriet provviżorju mogħti minnha fl-14 ta’ Ġunju, 2011, li bih laqgħet it-talba għall-ħruġ tal-mandat jew (b) tordna lill-kumpanniji intimati eżekutanti bex jiddepożitaw is-somma ta’ mitejn elf ewro (€200,000) jew somma oħra (li tieħu b’qies ukoll il-ħlas ta’ penali) li din il-Qorti jidhrilha xierqa, u dan għall-finijiet tal-artikolu 862 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta’ Malta. Huwa żamm sħiħ kull jedd għal azzjoni għad-danni kontra eżekutanti;

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta’ Novembru, 2011, li bih ordnat in-notifika lill-intimat eżekutanti *nomine* u tatu żmien biex iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu kif irid l-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti fl-1 ta’ Diċembru, 2011, li biha laqgħu għat-talbiet tal-eżekutat billi warrbu l-allegazzjoni li l-ħruġ tal-Mandat wassal għall-istat ta’ insolvenza tal-kumpannija sidt il-bastiment intimat, filwaqt li ċaħdu l-allegazzjonijiet tiegħu dwar l-eżistenza tal-kreditu favurihom. Warrbu wkoll is-sottomissjonijiet tiegħu dwar kif imisshom jitħaddmu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament 1346/2000EC dwar Proċeduri ta’ Insolvenza, l-aktar fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37A tal-Kapitolu 234 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti tal-Mandat kawtelatorju li għalih jirreferi r-Rikors tal-lum;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta marbuta ma’ dawk tal-artikolu 862

tal-istess Kodiċi. Ir-rikorrenti eżekutat irid li jitneħħew l-effetti ta' Mandat kawtelatorju ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn Għaxar Metri maħruġ kontra l-bastiment intimat fuq talba tal-eżekutanti fl-14 ta' Ġunju, 2011;

Illi r-raġunijiet imressqa mir-rikorrent biex il-Qorti tistħarreġ jekk għandhiex tħassar il-Mandat imsemmi huma: (a) li l-ezekutanti ħarġu l-imsemmi Mandat qabel waqtu u meta huma ma kinux kredituri ta' sidt il-bastiment, iżda kredituri ta' kumpannija oħra li kienet intrabtet li tħallas il-kreditu li seta' kien għadu dovut; (b) li l-għamil tal-eżekutanti wassal biex sidt il-bastiment kelha tibda proċeduri ta' falliment f'qorti fil-Ġermanja, minħabba li ma setgħetx tħaddem aktar il-bastiment arrestat; u (ċ) li bl-għamilhom l-eżekutanti ġew ħatja ta' ksur tal-artikolu 836(d) sa (f) tal-Kodiċi tal-Proċedurau kif ukoll tal-artikolu 4 tar-Regolament Komunitarju 1346/2000EC;

Illi, alternativament għat-talba għat-tħassir tal-Mandat, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll li l-eżekutanti jkunu ordnati jressqu garanzija tajba ta' mitejn elf ewro (€200,000) jew somma oħra xierqa, għall-ħlas ta' penali, danni u mgħaxijiet imġarrba, u li jekk din il-garanzija ma tingħatax fiż-żmien mogħti, il-Mandat jitħassar;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ mill-intimat *nomine* eżekutant kontra l-bastiment intimat fl-14 ta' Ġunju, 2011, waqt li l-imsemmi bastiment kien f'ibħra Maltin. Il-Mandat intalab mill-eżekutanti biex iħares il-pretensjonijiet tagħhom *in personam* u *in rem* fuq is-somma ta' ħames miljun mija u erbgħa u ħamsin elf tliet mija u sebgħa u għoxrin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmi (€5,154,327.54) rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz dovut mill-prezz tal-bini tal-istess bastiment li kien għadu mhux imħallas lilhom, imgħaxijiet fuq l-imsemmi bilanċ, u spejjeż legali "in vista ta' proċeduri li se' jinfetħu fil-forum kompetenti barra minn Malta". Il-Mandat intlaqa' dak inhar li tressaq, minkejja li ma setgħetx issir mill-ewwel l-eżekuzzjoni fuq il-bastiment minħabba li l-uffiċjal eżekuttiv ilmenta li ma kellux aċċess

għall-istess bastiment minħabba li kien irmiġġat ma' baga 'l barra mill-art;

Illi l-bastiment maqbud kien inbena fit-tarznari tal-eżekutanti ta' Qingshan skond ftehim li kien intlaħaq f'Novembru tal-2006. Il-bastiment għadda f'idejn sidtu – Beluga Shipping "QS321" GmbH & Co. KG – permezz ta' Att ta' Bejgħ magħmul fis-26 ta' April, 2010, dak inhar stess li l-eżekutanti u l-kumpannija sidt il-bastiment iffirmaw il-Protokoll tal-Konsenja u l-Aċċettazzjoni u nħareġ iċ-Ċertifikat tal-Proprjeta'[1]. Sidt il-bastiment hija kumpannija reġistrata fi Brema, fil-Ġermanja. Il-bastiment maqbud kien reġistrat fir-Reġistru ta' dik il-belt, iżda ma jtajjarx bandiera Ġermaniża, u bħalissa jtajjar il-bandiera tal-Liberja;

Illi fil-5 ta' Novembru, 2010, intlaħaq ftehim bejn l-eżekutanti u Beluga Shipping GmbH dwar ħlasijiet ta' krediti dovuti lill-istess eżekutanti minħabba l-bastiment (u bastimenti oħrajn li nbnew fit-tarznari tagħhom)[2];

Illi b'ordni mogħti fit-12 ta' Lulju, 2011[3], li kellu jidħol fis-seħħ f'nofsinhar ta' dak inhar stess, il-Qorti Lokali ta' Brema ordnat il-proċeduri ta' insolvenza tal-assi ta' sidt il-bastiment u ħatret lir-rikorrent bħala l-amministratur provviżorju ta' dawk l-assi. B'ordni ieħor tal-4 ta' Novembru, 2011[4], dik l-istess Qorti ordnat il-proċedura ta' stralċ b'seħħ mid-disgħa u ħames minuti ta' filgħodu ta' dak inhar, u tat direttivi ġodda dwar il-ħatra tar-rikorrent bħala likwidatur;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis <u>l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ</u> u dan skond il-kawżali li fuqhom ir-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu. Qabel ma tagħmel dan, il-Qorti tosserva li, f'dan il-każ partikolari, r-rikorrent jistrieħ espressament kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 u dawk tal-artikolu 862 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Tajjeb li wieħed jiċċara li r-rimedju tat-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat fir-rigward ta' mandati kawtelatorji,

[1] Dok "1", f'paġġ. 5 – 7 tal-atti
[2] Dok "3", f'paġġ. 15 – 6 tal-atti
[3] Dok "4", f'paġġ. 17 sa 22 tal-atti
[4] Dok "5", f'paġġ. 23 sa 30 tal-atti

kif maħsub fl-artikolu 836, jingħata mil-liġi biss lill-"intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih", filwaqt li r-rimedju maħsub fl-imsemmi artikolu 862 jingħata lid-debitur eżekutat u wkoll lil persuni oħrajn, bħalma huma s-sid tal-bastiment arrestat, il-kaptan tiegħu, l-aġent, jew lil dik il-persuna li jkollha inkarigu tal-bastiment. Fil-każ tal-lum, il-Mandat inħareġ kontra l-bastiment, iżda r-rikorrent għandu l-*locus standi* biex imexxi 'l quddiem din il-proċedura ladarba huwa nħatar bħala likwidatur tal-kumpannija sidt il-bastiment;

Illi kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet f'dan il-każ u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[5];

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent għażel li jibni t-talbiet tiegħu fuq tliet (3) kawżali speċifiċi. Huwa semma l-artikolu 836(d) sa (f) [*recte*: 836(1)(d) sa (f)] tal-Kapitolu 12. Ladarba huwa għażel dawk il-kawżali, l-Qorti sejra tistħarreġ lilhom biss u mhix sejra tqis xi kawżali oħra maħsubin f'dak l-artikolu, biex tqis jekk għandhiex tħassar il-Mandat maħruġ kontra l-bastiment;

A) <u>L-ammont mitlub m'huwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. Ir-rikorrent iressaq din il-kawżali fuq il-fatt li l-pretensjoni tal-eżekutanti saru qabel waqthom u għaliex, f'kull każ, il-bastiment ma kienx id-debitur tal-pretensjonijiet tagħhom;

[5] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

Illi, b'tal-ewwel, ir-rikorrent ifisser li meta sar il-ftehim tal-5 ta' Novembru, 2010, il-kreditu aċċettat favur l-eżekutanti kellu jitħallas b'rati li kellhom jitħallsu fi żminijiet hemm miftehma sal-15 ta' Diċembru, 2011. B'hekk, jgħid li meta nħareġ il-Mandat, id-debituri kien għadhom fiż-żmien li jeffettwaw il-ħlasijiet miftehma, u l-arrest tal-bastiment ġab fix-xejn dak l-arranġament, għaliex il-ħlas kien jista' jitwettaq biss jekk kemm-il darba l-bastiment jitħalla jitħaddem u jiġġenera d-dħul li bih d-debitur seta' jħallas dak il-kreditu;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimati eżekutanti għandhomx bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslux biex "jillikwidaw" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnhom maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[6];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[7];

Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti tqis ukoll li l-kwestjoni dwar jekk il-Mandat kienx wieħed li tressaq qabel waqtu m'hijiex, fiha nnifisha, raġuni tajba biex tordna t-tħassir

---

[6] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***

[7] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***

tiegħu minħabba l-eċċessivita' tal-pretensjoni jew dwar jekk il-pretensjoni hijiex mistħoqqa mad-daqqa t'għajn, għaliex dak l-istħarriġ jista' jsir biss mill-qorti jew tribunal li jkun qiegħed iqis il-kwestjoni fil-mertu. Jidher madankollu mill-provi dokumentali mressqa (Dok "3")[8] li dwar il-bastiment arrestat tassew kien hemm għarfien li l-eżekutanti huma kredituri fis-somma msemmija fil-Mandat maħruġ fuq talba tagħhom. B'daqshekk, dan ma jfissirx li din il-Qorti qiegħda taċċetta l-fatti jew fehmiet imsemmija f'dak id-dokument bħala prova mistqarra, għaliex din imissha tintiżen biss waqt is-smigħ tal-kawża fil-mertu, iżda għall-finijiet ta' din il-kawżali, dak id-dokument jagħti stampa *prima facie* tad-dejn pretiż u tar-raġuni ewlenija għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi, minbarra dan, ir-rikorrent jinqeda b'argument ieħor. Huwa jgħid li l-bastiment m'huwiex debitur tal-eżekutanti, għaliex jekk hemm debitriċi, din m'hijiex sidt il-bastiment (jiġifieri Beluga Shipping "QS321" GmbH & Co. KG) iżda kumpannija oħra (jiġifieri Beluga Shipping GmbH). Hawn ukoll, il-kwestjoni tmiss u tolqot aspett fil-mertu tal-kwestjoni u mhux aspett proċedurali tas-siwi tal-Mandat. F'dan ir-rigward, wieħed lanqas ma jrid iwarrab minn quddiem għajnejh li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija kemm *in rem* u kif ukoll *in personam* u dan dwar il-bilanċ tal-prezz tal-bini tal-bastiment innifsu;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent taha raġunijiet tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat fuq din il-kawżali;

B) <u>Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u> [Art. 836(1)(e)]. Fil-każ tal-lum, r-rikorrent ma semma bl-ebda mod kif u fejn ingħatat xi garanzija li tista' tissoddisfa l-pretensjonijiet tal-eżekutanti intimati;

Illi biex jista' jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(e) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess

---

[8] Paġ. 15 tal-atti

persuna eżekutata, u dan, ġeneralment, minn stħarriġ tal-ġid li hija jista' jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor[9]. Iżda, min-naħa l-oħra, l-biżgħa li l-ġid alternativ li jitressaq bħala garanzija jista' jintuża mid-debitur eżekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni oħra m'għandhiex, waħedha, sservi biex tirrendi dak il-ġid bħala mhux xieraq bħala garanzija alternativa għall-pretensjoni tal-eżekutant[10]. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jagħmel xejn dwar dak il-ġid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-saħħa ta' dik il-garanzija;

Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti[11]. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant[12];

Illi meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha li jduru mal-każ, wieħed isib li l-garanzija fil-bastiment arrestat hija l-preżenza tiegħu fil-ġurisdizzjoni. Minbarra dan, intwera li dwar l-istess imsemmi bastiment, inħareġ Mandat ieħor kawtelatorju ta' Arrest, ftit tal-ġimgħat wara l-Mandat mertu tal-każ u dwar kreditu qawwi kontra l-istess bastiment[13]. Fin-nuqqas ta' prova tajba min-naħa tar-rikorrent, il-Qorti ma jifdlilha l-ebda għażla ħlief li twarrab it-talba;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li lanqas fuq din il-kawżali ma ntweriet raġuni tajba biżżejjed biex tħassar il-Mandat;

Ċ) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena fuq il-fatt li r-

---

[9] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[10] Ara P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr. Tonio Fenech noe vs Dr. Patrick Spiteri pro et noe et***
[12] Ara P.A. TM **20.2.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd.***
[13] Dok "A", f'paġġ. 40 – 2 tal-atti

rikorrent iqis li l-Mandat ma messux inħareġ u li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat hija bi ksur tal-liġi. B'mod partikolari jorbot dan l-argument mal-fatt li issa sidt il-bastiment bdiet proċeduri ta' falliment quddiem il-Qorti ta' Brema, u dan waħdu huwa biżżejjed biex iwassal għat-tħassir tal-Mandat;

Illi fil-kuntest tar-raġonevolezza ta' Mandat li jinżamm fis-seħħ, biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-ħlas jew likwidazzjoni fl-ammont minnhom pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[14]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

Illi jingħad ukoll li id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[15]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent iqis li l-proċeduri ta' falliment li bħalissa għaddejjin fil-Qorti Ġermaniża dwar il-kumpannija sidt il-bastiment, jmisshom ikunu raġuni tajba biżżejjed biex din il-Qorti tħassar l-effetti tal-Mandat minnufih. Huwa jistrieħ fuq id-degrieti mogħtija mill-imsemmija Qorti, u fuq parir mogħti minn uffiċċju legali tedesk[16] li jgħid li l-ħruġ innifsu tal-Mandat kien bi ksur tal-liġi jew mingħajr

[14] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***
[15] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[16] Dok "6", f'paġġ. 31 – 2 tal-atti

effett ladarba ntalab fi żmien ta’ anqas minn xahar qabel il-ftuħ tal-proċeduri ta’ falliment quddiem il-Qorti Ġermaniża msemmija. Huwa jorbot dan l-argument ukoll mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 1346/2000 tad-29 ta’ Mejju, 2000, dwar Proċedimenti ta’ Falliment[17];

Illi huwa minnu li l-bidu u t-tressiq min-naħa ta’ Beluga Shipping “QS321”GmbH & Co. KG tal-proċedura tal-falliment tagħha seħħ wara li kien inħareġ il-Mandat mertu tal-każ, iżda wieħed irid jara jekk dik iċ-ċirkostanza waħedha kenitx raġuni tajba biex il-Qorti ssib li ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat m’għadhiex waħda ġustifikata jew raġonevoli;

Illi ma hemm l-ebda dubju li r-Regolament, bħala strument leġislativ komunitarju, għandu effett dirett fis-sistema tal-liġi f’Malta. Madankollu, fi kwestjonijiet dwar proċedimenti dwar il-falliment jew l-insolvenza ta’ persuna (fiżika jew ġuridika), jagħraf ukoll bejn qagħdiet partikolari dwar is-suriet ta’ krediti li jkunu tressqu kontra l-persuna li dwarha jinbdew proċedimenti bħal dawk;

Illi, b’mod partikolari, wieħed jirreferi għall-preambolu ħamsa u għoxrin (25) tal-imsemmi Regolament li jipprovdi li “*Hemm ħtieġa partikolari għal referenza speċjali li tkun differenti mil-liġi ta' l-Istat li jiftaħ il-proċedimenti fil-każ tad-drittijiet in rem la darba dawn huma ta' importanza konsiderevoli għall-għoti ta' kreditu. Il-bażi, il-validità u l-firxa ta' dan id-dritt in rem għandu għalhekk normalment jiġi determinat bi qbil mal-lex situs u m'għandux ikun effettwat bil-ftuħ tal-proċedimenti ta' falliment. Il-propjetarju tad-dritt in rem għandu għalhekk ikun jista' jkompli jinsisti bid-dritt tiegħu ta' segregazzjoni jew ta' ftehim separat għal garanzija kollaterali. Meta l-assi huma suġġetti għad-drittijiet in rem tal-lex situs fi Stat Membru wieħed iżda l-proċedimenti prinċipali jitwettqu fi Stat Membru ieħor, il-likwidatur tal-proċedimenti prinċipli għandu jkun jista' jitlob il-ftuħ ta' proċedimenti sekondarji fil-ġurisdizzjoni fejn joriġinaw id-drittijiet in rem jekk id-*

[17] L 160/1 Ġ.U. 30.6.2000 (MT) (Cedex Rif. 32000R1346), f’paġġ. 191 sa 207, kif emendat

*debitur ikollu stabbiliment hemmhekk. Jekk il-proċedimenti sekondarji ma jinfetħux, iż- żejjed mill-bejgħ ta' l-assi koperti bid-drittijiet in rem għandu jitħallas lil-likwidatur tal-proċedimenti prinċipali*";

Illi, minbarra dan, l-artikolu 5(1) tal-istess Regolament jipprovdi li "*Il-ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment m'għandux jaffettwa d-drittijiet in rem ta' kredituri jew partijiet terzi rigward l-assi tanġibbli jew mhux tanġibbli, mobbli jew immobbli - it-tnejn assi speċifiċi u kollezzjonijiet ta' assi indefiniti bħala massa li jinbidlu minn żmien għal żmien - li jappartieni għad-debitur li jkunu jinstabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor fil-waqt tal-ftuħ tal-proċedimenti.*". Għall-Qorti, dan ifisser li l-fatt waħdu li nbdew proċeduri dwar il-falliment tal-kumpannija sidt il-bastiment fil-Ġermanja (fejn għandha s-sedi u l-attivita' kummerċjali ewlenija tagħha) ma jfissirx li proċeduri meħuda f'Malta mill-eżekutanti dwar il-pretensjonijiet tagħhom *in rem* fuq il-bastiment arrestat iridu jitwaqqfu wkoll. L-artikolu 4(1) tar-Regolament imsemmi mir-rikorrent jiftaħ bil-kliem "*Ħlief fejn ipprovdut mod ieħor f'dan ir-Regolament*", u għalhekk m'huwiex wisq ta' fejda għalih safejn irid jitlob it-tħassir tal-Mandat, ladarba dwar il-proċedura partikolari mibdija mill-eżekutanti, l-istess Regolament jidher li jipprovdi mod ieħor;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent seħħlu jagħti raġuni tajba għaliex il-Mandat għandu jitħassar lanqas fuq din il-kawżali;

Illi r-rikorrent talab ukoll ir-rimedjui alternativ għat-tħassir, jew tħassir in parti, tal-Mandat ta' Sekwestru taħt eżami. Talab it-tqegħid min-naħa tal-intimati eżekutanti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-istess rikorrenti jistgħu juru li sejrin iġarrbu minħabba l-Mandat[18]; u talbu wkoll il-kundanna tal-istess intimati għall-ħlas ta' penali[19]. Il-Qorti sejra issa tipprovdi dwar dawn it-talbiet;

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti tal-garanzija mill-intimati eżekutanti wieħed jagħraf li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu

[18] Taħt l-art. 838A tal-Kap 12
[19] Taħt l-art. 836(8)(d) tal-Kap 12

862 tal-Kap 12 huma maħsuba speċifikatament għal Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar ta' 'l fuq minn għaxar metri. Madankollu, il-kliem imħaddem f'dak l-artikolu m'huwiex 'il bogħod minn dak imħaddem fl-artikolu 838A tal-istess Kodiċi, li wkoll jitkellem dwar it-tqegħid ta' garanzija tajba min-naħa tal-eżekutant, u, fin-nuqqas, għat-tħassir tal-mandat kawtelatorju li jkun;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ[20];

Illi minbarra dan il-liġi, fl-artikolu 862, trid ukoll li lill-Qorti tintwera "raġuni tajba" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju ta' Arrest ta' Biċċa tal-Baħar il-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" jew "raġuni tajba" għall-finijiet tal-liġi[21]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju[22], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni. Minbarra dan, jidher li fejn persuna ntwera li kellha raġunijiet tajba biex toħroġ Mandat kawtelatorju u l-istess Mandat la kien eċċessiv, la fieragħ u lanqas vessatorju, għaldaqstant ma jitnisslux raġunijiet la għall-kundanna għall-ħlas ta' penali u lanqas għad-danni[23] minħabba l-istess Mandat;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li, f'dan il-każ, intwera li l-istess bastiment jinsab miżmum f'Malta bis-saħħa ta' minn tal-anqas Mandat ieħor bħal dan, maħruġ minn kreditur ieħor. Ir-rikorrent ma semma xejn dwar dan u lanqas dwar jekk

---

[20] Ara P.A. RCP **30.5.2002** fl-Atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Ltd.***
[21] Ara P.A. TM **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[22] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***
[23] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***

ressaqx proċediment bħal dak tiegħu tal-lum, jew jekk ressaqx xi talba bħalha kontra dak il-kreditur. Dan qiegħed jingħad għaliex, f'ċirkostanza bħal din, qajla jista' jgħid li d-danni li ġarrab kienu jaħtu għalihom l-eżekutanti preżenti. Minbarra dan, il-Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni oħra mir-rikorrent li jwassalha biex issib li hemm l-ebda raġuni tajba biex torbot lill-eżekitanti jressqu l-garanzija mitluba minnu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent billi:

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrent** billi ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, bl-**ispejjeż** kontra l-istess rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------